# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 52.**
**Citazz. Nru. 1476/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Godwin u Angela mizzewgin BOWERMAN**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, in atti Nutar Dottor Clyde La Rosa, datat 18 ta' Settembru 1995 (Dok "A") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility" lill-konvenuti Godwin u Angela mizzewgin Bowerman;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Godwin u Angela mizzewgin Bowerman fis-somma ta' tmint elef, tlett mija u wiehed u tmenin liri maltin u seba' centezmi (Lm8,381.07)

bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Godwin u Angela mizzewgin Bowerman mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B6”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “C”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Godwin u Angela mizzewgin Bowerman ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, tlett mija u wiehed u tmenin liri maltin u seba’ centezmi (Lm8,381.07) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Godwin u Angela mizzewgin Bowerman mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B6”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu 2000 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas**-socjeta’ attirici kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna lil Godwin u Angela mizzewgin Bowerman ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, tlett mija u wiehed u tmenin liri maltin u seba’ centezmi (Lm8,381.07) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Godwin u Angela mizzewgin Bowerman mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1

sa B6”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 2000 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Marzu 2000 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**12 ta’ Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta’ Jannar, 2001.**